MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 28

30 ta' Settembru 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 28 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier H. Fenech li kien imsiefer.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.2.2. **(Ref: T/12/Vol II)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

*"2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u qal li b'dispjaċir innota artiklu li deher fis-sit elettroniku tal-Partit Laburista – maltastar.com - fejn intqal illi l-kamra li qed isservi bħala uffiċċju informazzjoni għat-turisti f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II kienet inbniet mingħajr permess. Is-Sur R. Cutajar qal li dan mhux aċċettabbli, peress li s-suġġett tqajjem diversi drabi qabel waqt seduti tal-Kunsill u qatt ma ssemma li din saret mingħajr permess. Huwa qal li din inbniet 21 sena qabel mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex qdiet il-funzjoni ta' banka tal-lottu. Il-proċedura dak iż-żmien kienet ferm differenti minn kif inhi llum, filwaqt li imkien ma' jirriżulta li l-kamra nbniet bla permess. Huwa kkummenta li dawn it-tip ta' attakki huma parti minn kampanja sistematika mmirata sabiex tiskredita l-ħidma tal-Kunsill Lokali Mellieħa u min huwa kompliċi f'dawn it-tip ta' stejjer ma jixraqlux jissejjah Mellieħi, peress li mhux qed iżomm l-interess tal-komunità. Is-Sur R. Cutajar kompla jikkummenta li huwa stramb ħafna kif dan il-każ tqajjem, meta f'21 sena ħadd qatt ma fetaħ ħalqu, filwaqt li fakkar illi wara dawn is-snin kollha l-istess kamra, issa qed tintuża mhux għal skop kummerċjali, iżda għal ġid tas-settur turistiku.".*

1.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 4.5.3. u ppropona li din tinqara hekk:

*"4.5.3. Is-Segretarju fakkar li l-Kunsill kien ressaq appell quddiem il-MEPA wara li l-istess MEPA qed tikkontesta jekk Sqaq Ħarruba huwiex triq jew le.".*

1.3. Il-minuti tas-seduta Nru. 27 li saret fil-31 ta' Awwissu 2009 ġew approvati u ffirmati bl-emendi t'hawn fuq.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Skema *Energy Saving* (K/1/2/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li Galea Curmi Engineering, il-konsulenti dwar l-applikazzjoni li saret mill-Kunsill taħt l-*Energy Saving Scheme* waslu fi stadju li jiffinalizzaw s-sejħa għall-offerti li ser issir fir-rigward ta' xiri u nstallazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi fuq il-bejt ta' l-uffiċċju. Qabel itemmu dan il-proċess

huma beħsiebhom jikkonsultaw lill-kunsilli lokali msieħba permezz ta' laqgħat u għalhekk appellaw sabiex jinħatar rappreżentant.

2.1.3. Il-Kunsill iddeċieda li jaħtar lill-Kunsillier J. Azzopardi.

### 2.2.1. Devoluzzjoni ta' proprjetà pubblika (A/6/7/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-iffirmar tal-ftehim ta' devoluzzjoni dwar id-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa u dak tat-Torri l-Abjad seħħ fl-10 ta' Lulju 2009 fil-Bitħa tas-Santwarju, waqt il-ftuħ ta' l-Iljieli Melleħin. Din l-attività seħħet wara li s-Segretarju Parlamenti għall-Artijiet u l-Erarji Pubbliċi - l-Onor. Jason Azzopardi - żar dawn il-postijiet akkumpanjat mill-Viċi Sindku E. Bartolo. Fl-istess okkażjoni ġie mġedded il-ftehim ta' devoluzzjoni dwar dak li qabel kien il-*pitch* tal-boċċi u li attwalment huwa l-amfiteatru fi Ġnien il-Qigħan.

2.2.3. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li sar tindif volontarju fid-*Defence Post* mill-Kumitat tal-Partit Nazzjonalista tal-Mellieħa, bħala parti mill-attivitajiet marbuta ma' l-Iljieli Melleħin 2009.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Cimiterji fil-Mellieħa (C/7)

2.3.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 16.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li d-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika għadda abbozz ta' ftehim li huwa propost li jsir bejn l-istess Dipartiment, il-Parroċċa tal-Mellieħa u l-Kunsill Lokali dwar il-ftuħ taċ-ċimiterji. Il-ftehim jipprovdi li:

(a) Il-Kunsill bil-permess tad-Direttur, jiftaħ għall-aċċess tal-pbbliku u jiġu ssorveljati ċ-Ċimiterji *Sultana tal-Vittorji* u *Omm il-Ħniena* mit-Tnejn sas-Sibt bejn it-8 ta' filgħodu u l-4 ta' wara nofs inhar;

(b) Il-Knisja bil-permess tad-Dipartiment tiftaħ għall-aċċess tal-pubbliku u jiġu ssorveljati ċ-Ċimiterji *Sultana tal-Vittorji* u *Omm il-Ħniena* matul il-Ħdud u Festi Pubbliċi bejn it-8 ta' filgħodu u l-4 ta' wara nofs inhar;

(c) Il-Gvern għandu jipprovdi, qabel l-iffirmar tal-ftehim, minn ta' l-anqas persuna waħda li tieħu ħsieb iċ-Ċimiterji ta' kuljum;

(d) Il-Kunsill u l-Knisja jirrapurtaw immedjatament xi ħsara li tkun innutata matul il-ħinijiet li ċ-Ċimiterji jkunu miftuħin taħt is-sorveljanza tagħhom;

(e) Iż-żewġ Ċimiterji jibqgħu proprjeta' tal-Gvern ta' Malta.

(f) Il-ftehim jiġi revedut kull sitt xhur mid-data t'hawn fuq, għalkemm kull parti għandha dritt li tirtira minn dan il-ftehim, sakemm il-partijiet l-oħra jkunu avżati bil-miktub erba' ġimgħat qabel l-istess irtirar.

2.3.3. Abbozz tal-ftehim ġie mgħoddi lill-Kappillan għall-approvazzjoni tal-Kurja.

2.3.4. Il-Kunsill approva l-iffirmar tal-ftehim.

### 2.5.1. Impieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 (P/7/1/Vol VIII)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.5. tas-seduta preċedenti u għarraf li saru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, permezz ta' ittra datata 14 ta' Settembru 2009, fejn l-istess Dipartiment ġie mgħarraf dwar kif inhuma mqassma d-doveri ta' l-impjegati tas-Segretarjat tal-Kunsill, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi mpjegat skrivan ieħor, kif kien ġie deċiż fis-Seduta 20 ta' l-4 ta' Mejju 2009. Ġew mqiegħda żewġ alternattivi quddiem id-Dipartiment, sabiex f'każ illi din it-talba tiġi milqugħa skond ma tippermetti l-liġi, għandhom jiġu kkunsidrati bil-għan li jimtela' il-post tar-raba' skrivan, ossija:

a) li Ms Odette Zammit (ID: 48469M) tiġi mpjegata bħala skrivana fuq bażi *full-time* fi Skala 15, peress li għal dawn l-aħħar sitt snin u nofs kienet qed tagħmel xogħol ta' *front office clerk* bis-saħħa ta' kuntratt ta' servizz; jew

b) tiġi mpjegata Ms Patricia Cordina (ID: 455269M) li diġa kienet magħżula minn lista mgħoddija mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Taħriġ (ETC), liema proċess kellu jitwaqqaf fuq parir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, biex ingħataw preferenza l-impjegati tal-Kunsilli Lokali nteressati li japplikaw għall-mili ta' post fi Skala 15.

Minkejja din id-direttiva, id-Dipartiment kien qal ukoll li dan il-proċess jibqa' validu, skond *e-mail* datat 4 ta' Awwissu 2009. Fil-fatt ġiet ingaġġata l-unika applikanta li diġa kienet impjegata f'Kunsill Lokali ieħor (Ms Yvonne Muscat (ID: 302573M), biex b'hekk intlaħaq il-limitu tat-tliet impjegati li tippermetti l-liġi, kif intqal aktar 'il fuq.

2.5.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf li d-Dipartiment wieġeb permezz ta' ittra datata 16 ta' Settembru 2009, fejn intqal li ġie deċiż illi t-talba biex jimpjega skrivan ieħor fuq il-limitu li tippermetti l-liġi kienet intlaqgħet, bil-kundizzjoni li tiġi mpjegata il-persuna li kklassifikat l-ewwel fil-proċess ta' għażla mill-lista mgħoddija mill-Korporazzjoni dwar l-Impjieg u Taħriġ (ETC).

2.5.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-kwistjoni ta' Odette Zammit ma kellhiex tintrabat maż-żieda fin-numru ta' impjegati. Huwa kkummenta wkoll li l-proċess li wassal għall-għażla ta' Patricia Cordina kellu jitwaqqaf ma' l-impjieg ta' Yvonne Muscat. Huwa jemmen li l-każ ma' ġiex imressaq b'mod tajjeb quddiem id-Dipartiment, filwaqt illi jaraha nġusta li persuna tinżamm daqshekk fit-tul fi stat ta' nċertezza. Għal din ir-raġuni huwa stqarr ukoll li ser jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, kemm-il darba jiġi deċiż li tiġi mpjegata Patricia Cordina, minflok li jinbeda l-proċess mill-ġdid.

2.5.5. Il-Kunsillieri C. Bartolo u J. Azzopardi sostnew illi l-validità tal-proċess li kien inbeda ma' l-ETC, kellu japplika biss f'każ li ma ġiex mpjegat xi ħadd li diġa jaħdem mal-Kunsilli Lokali.

2.5.6. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li qed isir ħafna enfasi fuq persuna li hija konxja li għandha kuntratt definit li għalaq fi Frar 2009, filwaqt li mhux tingħata ebda kunsiderazzjoni għal dawk li resqu għall-intervista u għamlu t-test prattiku, li tħallew bla risposta mill-Kunsill.

2.5.7. Il-Kunsillier P. Cutajar ikkummenta li l-proċess għandu jitkompla skond kif il-Kunsill ġie ggwidat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, permezz tal-ittra datata 14 ta' Settembru 2009.

2.5.8. Is-Sindku wieġeb li kemm-il darba ma' intalabx permess għar-raba' impjegat, il-possibiltà li Odette Zammit tinqaleb bħala mpjegata *full-time* regolari mal-Kunsill, kienet tispiċċa għal kollox, għaliex bl-impieg ta' Yvonne Muscat, intlaħaq il-*full compliment* li tippermetti l-liġi. Huwa qal ukoll li hija prattika normali fis-servizz ċivili li meta jsiru eżamijiet u intervisti, dawn jibqgħu validi għal perjodu ta' sentejn sabiex il-Gvern jimpjega minnhom skond l-esiġenzi li jkollu. Il-konferma ta' dan ingħatat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali stess permezz ta' l-ittra tas-16 ta' Settembru 2009. Is-Sur R. Cutajar ġibed l-attenzjoni li l-iskrivani li għandhom kuntratt ta' servizz mal-Kunsill setgħu twaqqfu permezz ta' Memo 27/2008, iżda l-Kunsill dehrlu li għandu jipposponi dan il-pass sakemm tiġi diskussa r-riforma fil-liġi dwar il-Kunsilli Lokali.

2.5.9. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li Odette Zammit għandha tiġi nfurmata li s-servizz ser ikun meħtieġ sakemm tiġi mpjegata Patricia Cordina jew xi wieħed mill-kandidati li ġew warajha fl-intervista.

## 2.6.1. *European Neighbourhood Policy Instrument (ENPI)* (P/10/4)

2.6.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u qal li miż-żewġ għażliet li kien hemm, intgħażlet Priorità Nru. 2 – Miżura 2.1. li tinvolvi proġetti għall-prevenzjoni u tnaqqis ta' riskji lill-ambjent u titjib tal-wirt naturali komuni. Huwa qal li għalhekk intweriet l-intenzjoni li l-Kunsill jidħol bħala *partner* fil-proġett imsejjaħ OASI li l-leader partner huma Taljani.

2.6.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm.

## 2.7.1. Avventurasajf 2009 (E/3/4/Vol VIII)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 22.1.tas-seduta preċedenti u għarraf li Avventurasajf 2009 intemmet fl-4 ta' Settembru 2009 u kkummenta li kienet suċċess mil-lat ta' attendenza, kif ukoll fl-attivitajiet li jew imtellgħa għat-tfal li attendew. Huwa qal li dan kien mertu tal-Kunsillier H. Fenech li segwa kontinwament l-andament ta' dan il-proġett. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li nħarġu *vouchers* lill-voluntieri li taw sehemhom, kif ukoll ser jitħallsu l-kordinatur u l-istudenti universitarji li kienu nvoluti.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 28/08/09 – 25/09/09
- *Purchase Request Form* – 25/08/09
- Skeda ta' Infieq Permezz tal-*Petty Cash* – 29/08/09 – 14/09/09
- Skeda ta' Infieq Permezz tal-*Petty Cash* – 15/09/09 – 25/09/09
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2009
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku – 14/09/09

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Servizz dwar il-Ġbir ta' Skart minn Northern Cleaning Cooperative Ltd (K/6/2/Vol V)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għal ittra datata 11 ta' Settembru 2009, mibgħuta minn Northern Cleaning Cooperative Ltd, fejn il-Kunsill, ġie notifikat illi l-istess koperattiva ddeċidiet li twaqqaf is-servizzi tagħha lill-Kunsilli Lokali klijenti tagħha, fejn il-kuntratt relattiv skada. Il-kuntratt bejn il-Koperattiva u l-Kunsill tal-Mellieħa skada f'Ottubru 2008. Fl-ittra ntqal ukoll li s-servizz bħala Koperattiva ser jibqgħu jagħtuħ sat-30 ta' Settembru 2009, filwaqt li sabiex ma jinħolqux problemi għall-Kunsilli, kull membru tal-koperattiva ġie assenjat lokalità partikolari ħalli jipprovdi s-servizzi tiegħu bl-istess prezz sas-16 ta' Ottubru 2009.

4.1.3. Dan sakemm il-Gvern ma jkunx żied il-*Waste Dumping Fees* u l-Kunsill ikun aċċetta li jagħmel tajjeb għalihom skond it-tunnellaġġ migbur. L-ittra tal-Koperattiva tgħid ukoll li wara s-16 ta' Ottubru 2009, il-Kunsill ikun irid jiftiehem mal-kuntrattur (ex-membru tal-Koperattiva) direttament.

4.1.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni wkoll li minkejja l-isforzi li saru, fil-mument jidher li t-triq għadha mhix imwittija għal kollox biex tkun tista' issir sejħa ghall-offerti ħalli jingħata l-kuntratt il-ġdid, li jkunu eliġibbli għaliħ anke kuntratturi minn pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea. Jidher ukoll li qed tiġi diskussa l-possibiltà li ssir sejħa waħda bejn numru ta' Kunsilli ġirien.

4.1.5. F'dawn iċ-ċirkostanzi, minħabba li dan huwa kuntratt sensittiv ħafna ntalbet ġwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiġi stabbilit huwiex permissibbli li:

(a) jsiru pagamenti lil individwi direttament, li m'humiex ikkonoxxuti bħala kuntratturi permezz ta' kuntratt;

(b) issir sejħa urġenti, bil-mod li jippermettu r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Offerti) għall-perjodu qasir (eż: sitt xhur, sena) bl-ispecifikazzjonijiet tal-kuntratt l-antik, sabiex ikun hemm zmien biżżejjed li ssir sejħa bil-kuntratt il-ġdid; u

(c) li f'każ li (b) jiġi aċċettat, ikunx possibbli li tinħareġ *direct order* lill-persuna li ġiet indikata mill-Koperattiva, sabiex jingħata servizz sakemm jintemm il-process kollu ta' l-aġġudikazzjoni ta' l-offerti li jiġu sottomessi.

4.1.6. Il-Kunsill ġie mgħarraf li sad-data tas-seduta, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien għadu ma weġibx.

### 4.2.1. Tindif volontarju taħt wiċċ l-baħar f'Anchor Bay (T/6/1/Vol III)

4.2.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għal *e-mail* datat 14 ta' Settembru 2009, mibgħut minnu stess, fejn għarraf li huwa ġie kkuntattjat mill-Professional Diving School Association (PDSA) rigward tindifa ta' qiegħ-il baħar f'Anchor Bay, li beħsiebhom jagħmlu fl-10 ta' Ottubru 2009. Il-PDSA talbet l-appoġġ tal-Kunsill. Jidher li dawn qed jistennew mill-Kunsill li tingħata pubbliċità lill-attività, jinstabu volontieri biex jinġarr l-iskart li jittellgħa l-art; *skips*; u ħbula biex jinġibdu affarijiet tqal u ngwanti u Ilma.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jgħin fl-akkwist ta' xkejjer, jipprovdi *skip* u l-ħruġ ta' stqarrija għall-istampa u nklużjoni ta' l-avveniment fis-sit elettroniku tal-Kunsill.

### 4.3.1. Tariffi dwar ir-rimi ta' skart fil-landfill (K/6/2/Vol V)(K/6/11)

4.3.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għal *e-mail* datat 17 ta' Settembru 2009, mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar laqgħa li saret fit-22 ta' Settembru 2009 għas-Sindki u l-Kunsillieri responsabbli mill-ġbir ta' l-iskart dwar il-finanzjament tat-tariffi għar-rimi ta' skart fil-*landfill*, liema laqgħa kienet kordinata mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Chis Said.

4.3.3. Is-Sur Azzopardi għarraf li t-tariffa biex jintrema skart fil-*landfill* ser togħla b'effett mill-1 ta' Ottubru 2009. Qal ukoll li sar studju li jinvolvi l-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex li permezz tiegħu ġie stabbilit li l-iskart li tiġġenera kull persuna kuljum jammonta għal medja ta' 0.78 kilogrammi. Hemm lokalitajiet bħal Mellieħa li qed jilmentaw li l-influss tar-residenti li jkollhom fix-xhur tas-sajf ser iġibilhom piż aktar milli jifilħu, peress li l-kumpens li ser jingħata mill-Gvern ser jiġi kkalkulat fuq in-numru ta' residenti permanenti biss. Għaldaqstant jidher li dawn il-kunsilli jkun jeħtiġilhom li jagħtu ġustifikazzjoni biex jitolbu żidiet fil-kumpens mill-Gvern. Jidher ukoll li ser jitwaqqaf spettorat biex isegwi minn fejn ikun qed jorigina l-iskart u jiġi aċċertat li ta' lokalità waħda ma jitħallatx ma' ta' oħra.

4.3.4. Mill-istess laqgħa sar magħruf li l-*bring-in sites* ser jispiċċaw mir-responsabilità ta' Wasteserve Malta Ltd u ser imorru għand entità li tkun totalment privata. Huwa qal li l-Green MT Waste Management Services fasslet ftehim għall-Kunsilli Lokali sabiex jiġi rkuprat l-iskart reċiklabbli, li jista' jiġi kkunsidrat sabiex kemm jista' jkun jitnaqqas l-ammont ta' skart li jidħol fil-*landfill* u hekk jitnaqqsu l-ispejjeż.

4.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.4.1. *Green Challenge Award* u *Local Enterprise Support Scheme* (F/1/7)

4.4.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 24 ta' Settembru 2009, fejn tħabbar li l-Bord ta' Evalwazzjoni għall-Iskema msemmija għażel lill-Kunsill Lokali Mellieħa bħala wieħed mill-għaxar finalisti fil-*Green Challege Award* kif ukoll fil-*Local Enterprise Award*.

4.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.5.1. Skema Lokalitajiet bi Bzonnijiet Speċjali 2009 (F/1/5)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat l-1 ta' Settembru 2009, fejn il-Bord ta' Evalwazzjoni Skema Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali għarraf li l-applikazzjoni mressaqa mill-Kunsill kienet ġiet milqugħu u d-dettalji kienu ser jingħataw fis-7 ta' Settembru 2009, waqt laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni, l-Onor Chris Said. Is-Sur R. Cutajar qal li mill-istess laqgħa sar magħruf li l-Mellieħa kienet ser tibbenefika minn somma ta´ €23,000, li ser tkun indirizzata għat-titjib fis-servizz ta' indafa fl-inhawi ta' l-Aħrax, fuq il-Moll taċ-Ċirkewwa u nfurzar tal-liġi fil-bajjiet.

4.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.6.1. Filming fil-Marfa (A/6/3/1/Vol 47)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 23 ta' Settembru 2009, mibgħuta mill-Mediterranean Film Studios, fejn intalab permess sabiex jokkupaw il-parkeġġ li hemm bejn il-bini tal-*Fish Farm* u l-lukanda Riviera, kif ukoll fit-triq fuq in-naħa tal-baħar u l-moll. Il-permess intalab għal perjodu ta' xahrejn bejn l-10 ta' Ottubru u 10 ta' Diċembru 2009. Is-Sur R. Cutajar qal li huma għamel kuntatt ma' l-applikant fejn għarrfu li minbarra l-permess ta' l-Awtorità Marittima, għandu jintalab ukoll il-permess tad-Dipartiment tas-Sajd billi l-moll huwa wżat kontinwament mis-sajjieda.

4.6.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jinħareġ permess sabiex jiġi okkupat il-parkeġġ, kif ukoll biex tiġi riżervata parti mit-triq ta' mal-baħar, kif indikat fil-pjanta annessa ma' l-applikazzjoni.

### 4.7.1. Premju EDEN - *European Destination of Excellence* 2009 (T/12/Vol II)

4.7.2. Is-Sindku għarraf li bejn is-6 u t-8 ta' Ottubru 2009 huwa ġie mistieden jattendi ċerimonja fi Brussel biex issir il-preżentazzjoni uffiċjali tal-premju msemmi. Is-Sur R. Cutajar ippropona wkoll li għandha tittieħed l-opportunità biex jittellgħa *stand* dwar il-Mellieħa. Huwa qal li ser jara li jinkiseb *sponsorship* sabiex dan jittellgħa mingħajr spejjeż għall-Kunsill.

4.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li approva l-proposta mressqa.

## 4.8.1. Parteċipazzjoni fil-Fiera EMAIA f'Vittoria – Sqallija (T/12/Vol II)

4.8.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għal ittra datata 4 ta' Settembru 2009 fejn is-Sindku ta' Vittoria fi Sqallija stieden lill-Kunsill Lokali Mellieħa sabiex jipparteċipa fil-fiera li ser ssir fl-istess belt bejn is-7 u l-15 ta' Novembru 2009. L-għan ta' din il-parteċipazzjoni huwa li tippromwovi l-lokalità tal-Mellieħa mil-lat turistiku. Is-Sindku ppropona li tinstab ditta lokali nvoluta f'dan il-qasam sabiex ittellgħa *stand* dwar il-Mellieħa, filwaqt li tingħata l-opportunità li hija stess tirreklama s-servizzi tagħha, bil-għan li ma jkunx hemm spejjeż għall-Kunsill.

4.8.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa.

## 4.9.1. Mellieħa Bobs Futsal (S/6/Vol IV)

4.9.2. Is-Sindku rrefera għall-*e-mail* datat 24 ta' Settembru 2009, mibgħut mill-President tat-tim imsemmi li jipparteċipa fil-Futsal *5-a-Side* tal-Malta Football Association. L-istess tim appella għall-għajnuna mill-Kunsill biex huma jkunu jistgħu jsostnu l-parteċipazzjoni tagħhom bħala tim.

4.9.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jitkomplew il-kuntatti sabiex jiġu identifikati metodi dwar kif tista' tingħata għajnuna.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 25 ta' Awwissu 2009.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġew imressqa tliet skedi ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash,* li flimkien jkopru l-perjodu bejn l-15 ta' Awwissu u l-14 ta' Settembru 2009.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-28 ta' Awwissu u l-25 ta' Settembru 2009.

6.4. Inġibdet l-attenzjoni għall-pagament 035-09-09 dwar il-ħlas dovut lit-tenur Brian Cefai li pparteċipa fis-serata Cantiamo fis-27 ta' Awwissu 2009. Il-Kunsill innota li s-Sur Cefai kien ġie nkluż wara li t-tenur Joseph Aquilina għarraf li ser ikun indispost. Kien hemm qabil li għandu jiġi verifikat għaliex il-ħlas mitlub minnu jissupera dak ta' kantanti oħra li kien hemm fis-serata.

6.5. Il-Kunsill ra l-kontenut ta' l-skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

## 7.1. Andament ta' l-attivitajiet marbuta ma' l-Iljieli Melleħin (A/5/3/5/Vol II)

7.2. Is-Sindku kkummenta li l-andament ta' l-Iljieli Melleħin bejn l-10 u t-13 ta' Settembru 2009 kien wieħed tajjeb, għalkemm partijiet minnu li kienu mħedda mit-temp. Minħabba din ir-raġuni ma ntramax il-palk bid-dwal u l-apparat tas-*sound* fi Triq Ġorġ Borg Olivier fl-aħħar jum. Minkejja dan kien hemm konkorrenza tajba ħafna mill-pubbliku li kienet imħeġġa minn *coverage* tajjeb mill-media. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li kien hemm rispons pożittiv ferm mill-istabbilimenti li jservu l-ikel u l-barijiet.

7.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li l-kompetizzjoni tas-sajd forsi li kienet tirrikjedi aktar ħsieb, għar-raġuni li ma kienx hemm in-numru ta' kompetituri mixtieq. Huwa qal ukoll li l-egħluq tal-pont fi Triq Adenau biex intremgħu l-imwejjed u siġġijiet xekkel xi ftit l-aċċess għar-residenti ta' Triq Dun Franġisk Sciberras. Is-Sindku wieġeb li kien hemm aċċess biżżejjed minn Triq Franġisk Zahra u Triq Sant' Elena, filwaqt li l-egħluq ta' Triq Adenau kien limitat għall-11, it-12 u t-13 ta' Settembru mis-6.00 ta' filgħaxija-il quddiem.

7.4. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li fis-sezzjoni tat-tfal li żvolġiet f'Misraħ il-Parroċċa, kien hemm uħud li kantaw iktar kanzunetti milli kien programmat u b'riżultat t'hekk kien hemm ilmenti minn ġenituri ta' kantanti tfal oħra.

7.5. Il-Kunsillier C. Bartolo staqsa dwar jekk l-ispejjeż li saru humiex ser jiġu koperti mill-*isponsorship* li nkiseb. Is-Sindku wieġeb li huwa mbassar li dan ikun il-każ, u qal li rendikont tad-dħul u l-infieq ser jiġi sottomess aktar 'il quddiem.

## 8.1. Tisbiħ u arranġamenti tat-traffiku ġodda fi Triq Qasam Barrani (K/6/4/1)

8.2. Is-Sindku għarraf li nbeda x-xogħol fuq ir-*roundabout* ta' Triq Qasam Barrani, kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Ġdida, li kien jikkonsisti fit-tneħħija tas-siġar wara li dawn ġew ċertifikati mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura li m'humiex protetti. Wara l-ispezzjoni li saret irriżulta li dawn huma ta' l-ispeċi Kaswarina u mhux tal-prinjol kif kien magħsub. Is-Sur R. Cutajar spjega wkoll li filwaqt illi tneħħiet ir-*roundabout* tal-konkos li kien hemm, inżammet l-istess ċirkomferenza, bid-differenza li issa ser ikun possibbli li l-vetturi l-kbar jistgħu jitilgħu fuq il-parti ta' ġewwa biex ikunu jistgħu jimmanuvraw aħjar. Din il-parti tar-*roundabout* ser tinkesa bil-*paving blocks*. Ġie spjegat li l-parti ċentrali tar-*roundabout* ser tkun tikkonsisti minn monument imdawwar bit-turf. Abbozz tal-monument kien ġiet muri lill-kunsillieri kollha waqt it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla mis-Sindki tal-Mellieħa u Agia Napa fit-13 ta' Settembru 2009.

8.3. Is-Sur R. Cutajar spjega wkoll li ser jinbeda x-xogħol fuq il-ġiebja li ser issir fil-parkeġġ li hemm bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Qadima li hija koperta b'*Development Notification Order* mill-MEPA – DN 576/08. Din hija ntiża sabiex tieħu l-ilma tax-xita li joħroġ mill-iskola u tintuża biex timtela l-funtana li ser ikun hemm fuq ir-*roundabout*, kif ukoll tissaqqa s-*soft area* li hemm biswit il-parkeġġ.

8.4. Dwar is-*soft area*, is-Sindku ppropona li jitneħħew s-siġar eżistenti illi qatt ma' irnexxew daqstant u minflokom jitħawwlu siġar indiġini taż-żebbuġ, għorgħar eċċ, filwaqt li jsiru xi passaġġi bil-bankijiet bejniethom. Huwa qal li dan jirrikjedi l-permess tal-MEPA u kemm-il darba l-Kunsill jaqbel mal-proposti mressqa, ikunu jistgħu jitħejjew il-pjanti.

8.5. Il-Kunsill qabel mas-suġġerimenti tas-Sindku.

## 9.1. Introduzzjoni ta' arranġamenti dwar l-użu tal-Moll tat-Tunnara (X/1/5)(T/4/13/Vol X)

9.2. Is-Sindku għarraf li l-kisi tal-Moll tat-Tunnara bit-tarmak tlesta u attwalment dan il-post huwa mgħammar ukoll bil-pajpijiet minn fejn jistgħu jgħaddu servizzi, bħalma huma titjib fid-dwal, u estensjoni tas-servizzi ta' l-elettriku u l-ilma mill-Kamra tas-Sajjieda sa fuq il-moll fejn issir l-manutenzjoni ta' uħud mill-opri. Ix-xogħlijiet saru bil-ħeffa biex tlestew fi żmien qabel jittellgħu l-opri għax-xitwa.

9.3. Intqal ukoll li permezz ta' ittra datata 17 ta' Settembru 2009, il-Kunsill ġie mgħarraf li twaqqaf kumitat minn fost is-sajjieda u entitajiet kummerċjali li jużaw il-moll, li aktar 'il quddiem ser ikunu qed iressqu proposti dwar l-allokazzjoni ta' spazju bil-għan li tiġi evitata l-konġestjoni.

9.4. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm.

## 10.1. Tisbiħ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawl II (P/4/20/Vol III)

10.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-4 ta' Settembru 2009 saret laqgħa fil-misraħ imsemmi, li attendew għaliha s-Sindku R. Cutajar, il-Viċi Sindku E. Bartolo, il-Kunsillier J. Buttigieg, is-Segretarju C. Debono, il-Perit S. Farrugia u s-Sur A. Borg (Malta Planning & Design Consultants Ltd).

10.3. Il-Viċi Sindku qal li meta wieħed iqis il-livelli bejn Triq il-Marfa u l-misraħ, huwa possibbli li jitqatta' l-blat u jsiru żewġ sulari ta' parkeġġ b'aċċess minn Triq il-Marfa, fejn illum hemm il-latrina pubblika. Il-Perit intalab jissottometti stima dwar l-ispiża nvoluta.

10.4. Is-Sindku kkummenta li dan il-proġett jinvolvi nefqa sostanzjali u għalhekk tista' tintalab l-għajnuna tal-Gvern biex ikun jista' jitwettaq. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa konxju wkoll li aktar 'il fuq fi Triq Ġorġ Borg Olivier hemm interess mill-privati sabiex jinbena parkeġġ bil-għan li jilqa' id-domanda ġejja miż-żona kummerċjali.

10.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li l-proġett jista' jitwettaq u jitmexxa mill-privat, kif sar f'lokalitajiet oħra.

10.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li f'dan l-istadju, il-Kunsill għandu jagħmel studju dwar il-vijabilità tal-proġett, kif ukoll jibda kuntatti mal-MEPA biex jiġi stabbilit jekk dan it-tip ta' żvilupp jistax jiġi kkunsidrat, peress li l-misraħ jinsab fiż-Żona ta' Konservazzjoni Urbana.

10.7. Il-Kunsill qabel li għandhom jitkomplew il-kuntatti dwar il-proposti mressqa.

## 11.1 Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2009 (F/1/1/Vol II)

11.2. Is-Segretarju spjega li l-uniku dħul mill-Gvern Ċentrali matul it-tliet xhur koperti bir-rapport baqgħet l-**Allokazzjoni Annwali**. It-total ta' dħul minn **Servizzi Komunitarji** żdied b'mod konsiderevoli, mqabbel mat-tliet xhur preċedenti, minn €2,919 għal € 8,921. Dawn kienu jikkonsistu fil-ħlas dovut fuq il-miżati għall-attendenza ta' AvventuraSajf 2009 (€4,677), il-ħruġ ta' permessi għall-i*skips* (€ 111); bejgħ ta` kotba (€ 371); permessi għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni fit-toroq u attivitajiet fil-pubbliku (€ 3725); u permessi għal xogħlijiet fit-toroq (€ 36). Iż-żieda kienet dovuta minħabba ammont ikbar ta' permessi li jinħarġu mqabbel max-xhur tax-xitwa. Fl-istess żmien ikunu qed jinġabru l-kontribuzzjonijiet għas-*summer camp* għat-tfal (Avventurasajf) li jibda f'Lulju. Id-dħul minn **Ksur ta' *Bye-Laws* u Kontravvenzjonijiet** irriżulta minn qligħ li kien hemm mis-Sistema ta' l-Infurzar Lokali (LES) bejn April 2008 u Frar 2009. Id-dħul ta' natura **Ġenerali** ġie mill-ħruġ ta' Ħruġ ta' Dokumenti, peress li fil-perjodu kopert b'dan ir-rapport kien hemm ħames sejħiet għall-offerti. Ġie spjegat li € 4,500 huma **Fondi ta' l-Unjoni Ewropea** li ġew mgħoddija lill-Kunsill fil-kwart preċedenti, wara applikazzjoni li saret permezz tal-*Youth Initiative Programme* ta' l-Unjoni Ewropea. Il-bilanċ ta' € 1,500 li fadal minnhom għandu jiġi mgħoddi wara li jintemm il-proġett li msejjaħ *"The Environment Through Art – An Event of Artistic Expression".* Kien hemm **Kontribuzzjonijiet** marbuta ma' attivitajiet li organizza l-Kunsill li kienu kif ġej: Animal Fest (€190); Jum il-Kunsill (€257); Jum l-Omm (€30), L-Ibliet Lejn il-Majjistral (€60), u ż-żjara ta' Pozzallo li saret f' Mejju (€300). Fl-istess perjodu kien hemm is-somma ta' €500 li tħallset bhala kumpens ordnat mill-Qorti wara atti ta' vandaliżmu li seħħew fi Triq il-Kbira.

11.3. In-nefqa fuq **is-Salarji**, għat-tliet xhur koperti bir-rapport kienet qrib ħafna l-estimi.

11.4. Bejn April u Ġunju 2009, in-nefqa fuq il-**Manutenzjoni tat-Toroq** kienet inqas mill-vot allokat b' € 9,507. Dan kien ikkawżat primarjament minħabba li l-ħaddiema tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet kienu mpenjati f'lokalitajiet oħra fuq proġetti tal-Gvern Ċentrali. Ix-xogħol li sar fit-toroq kien jikkonsisti l-iktar f'tindif tal-*culverts* (€84), *patching* ta' toroq (€ 11,057), bankini (€707), xogħol ta' tisbieħ (€ 2,162), u xogħlijiet oħra (€233). Din l-ispiża mistennija li tkun sostanzjalment iktar fix-xhur li ġejjin, minħabba xogħlijiet fuq *culverts* li ġew ordnati fi Triq l-Assedju l-Kbir / Triq iċ-Ċikken u Triq N. Copernicus.

11.5. L-infieq fuq it-**Tagħrif lill-Pubbliku** kien karetterizzat bit-tnedija tal-Ħannieqa Kotba Melleħin bil-pubblikazzjoni tal-ktieb "Il-Mellieħa – Dati Storiċi" li b'kollox ġie jiswa € 2,131. Il-Kunsill kien appoġġjat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sports b'għotja ta' € 1,000. Fl-istess perjodu, il-magazin "Mill-Qiegħa" baqa' jiġi ppubblikat bis-suppliment indirizzat lit-tfal.

11.6. In-nefqa marbuta mas-**Servizzi Kuntrattwali** qabżet l-estimi b'€1,481. Ġie spjegat li fl-istess perjodu kien hemm nefqa sostanzjali fuq ix-xiri ta' Poloz ta' Assikurazzjoni (3030) li ma tiġix ripetuta bejn Lulju 2009 u Marzu 2010. Fil-każ tan-nefqa fuq l-Ġbir ta' l-Iskart (3041), jidher li kien hemm spejjeż inqas milli previst fl-estimi, peress li l-ħlasijiet qed isiru direttament mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, minflok mill-Kunsill, li sussegwentement jitlob ir-refuzzjoni tagħhom mid-Dipartiment, kif kienu l-arranġamenti ppjanati oriġinarjament. L-iżbilanċ globali fuq is-Servizzi Kuntrattwali rriżulta meta ġew esklużi s-servizzi kuntrattwali kollha mogħtija fix-xhur qabel bdiet is-sena finanzjarja, qabel April 2009, kif ukoll wara li ttieħdu in konsiderazzjoni spejjeż li kienu għadhom ma' daħlux fil-kotba sa l-aħħar ta' Ġunju 2009 *(accruals).*

11.7. L-ispejjeż fuq **Servizzi Professjonali** kienu marbuta ma' l-Iskema *Energy Saving* imnedija mill-Gvern*,* kif ukoll fuq *survey* topografiku li sar fi Triq Għajn Żejtuna u Triq il-Qasab. Tħallas ukoll id-dritt mitlub mill-*accountant* fit-tħejjija ta' l-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2008/2009. Flimkien magħhom kien hemm ir-rata li titħallas minn xahar għal xahar lill-*Contracts Manager*.

11.8. F'dak li jirrigwarda l-**Ospitalità u Servizzi lill-Komunità,** l-infieq kien ferm inqas mill-*budget*. Fl-istess perjodu kien hemm l-attività "L-Ibliet Lejn il-Majjistral" li l-ispiża fuqha min-naħa tal-Kunsill kienet biss ta' €629, filwaqt li kien hemm dħul ta' €117 bħala *sponsorship* u kontribuzzjonijiet mħallsa biex intramaw *stands*. L-ispiża kienet baxxa peress li l-parti l-kbira ta' l-ispiża ġiet koperta mid-ditta General Soft Drinks Co. Ltd. Fl-istess perjodu daħlu kontijiet marbuta ma' l-attività Milied Mellieħi 2008, li kienu jammontaw €1,700, filwaqt li daħal *sponsorship* b'riżq l-istess attività mill-Kunsill Malti għall-Kultura ta' €1,000. Il-Kunsill kien involut fl-organizzazzjoni ta' diversi attivitajiet kulturali u sportivi flimkien ma' għaqdiet fil-lokalità li flimkien involvew spiża ta' €1,573.

11.9. L-infieq fuq ir-***Resurfacing* ta' Toroq** kien marbut max-xogħlijiet li saru fi Triq il-Kbira, tul il-parti li tinsab bejn Misraħ tas-Salib u Triq in-Naħal, liema xogħol tlesta f'Mejju 2009. Is-somma li tidher fl-iskeda kienet sabiex ġew koperti l-ispejjeż tal-*Contract Manager*, l-avviżi fil-gazzetti, il-ġwardjani lokali, tabelli tat-traffiku eċċ. L-ammont mitlub mill-kuntrattur konċernat sar magħruf wara li għaddew it-tliet xhur koperti b'dan ir-rapport. Fir-rigward tal-proġett dwar il-**Park tal-Familja f'Ta' l-Ibraġ**, saret applikazzjoni lill-MEPA dwar it-tibdil fil-pjanijiet oriġinali, liema tibdil jinkludi wkoll faċilitajiet sportivi, minbarra l-afforestazzjoni li kienet maħsuba minn Kunsilli preċedenti. It-**Titjib ta' Faċilitajiet Sportivi** li sar kien jinvolvu l-*Ground* f'Ta' Pennellu, li ġie inawgurat mill-ġdid bil-*floodlights* u art bit-*turf* sintetiku fi Frar 2009. L-infieq li sar kien jikkonsisti primarjament fil-bini ta' ħajt li jiġi biswit Triq Vincenzo Ciappara, kif ukoll ix-xiri ta' *buffers* li twaħħlu ma' l-arbli tal-*floodlights* għas-sigurtà ta' min ikun qed jilgħab fl-istess *ground*. Dwar il-proġett ta' Tisbiħ u *Traffic Management* fi Triq Qasam Barrani, sar *survey* topografiku bil-għan li jkunu jistgħu jitħejjew pjanti u sussegwentement isiru applikazzjonijiet lill-Awtorita` tat-Trasport u l-MEPA.

11.10. Il-Kunsill approva r-rapport u talab li jiġi mgħoddi lid-Dipartimenti għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika.

## 12.1. Ġemellaġġ ma' Agia Napa (K/1/5/4)

12.2. Is-Sindku rrefera għaż-żjara li saret f'Agia Napa Ċipru bejn l-24 u t-28 ta' Settembru 2009, fejn ġie ffirmat it-tieni parti tal-ftehim tal-ġemellaġġ. Huwa qal li kien ta' sodisfazzjoni li l-grupp li akkumpanja lill-Kunsill f'Agia Napa kien jammonta għal 125 persuna. Dan kien jinkludi wkoll il-Banda La Vittoria li daqqet fi tliet okkażjonijiet differenti waqt l-Agia Napa Festival. Is-Sur R. Cutajar qal li l-ospitalità murija mill-Muniċipalità ta' Agia Napa kienet waħda eċċellenti u qabżet kull aspettattiva.

12.3. Is-Sindku qal li l-kuntatti stabbiliti għandhom jiġu sfruttati u jemmen li kemm iż-żjara f'Malta kif ukoll dik f'Agia Napa servew biex il-Mellieħa ngħatat pubbliċità f'Ċipru, fejn jeżisti servizz bl-ajru matul is-sena kollha. Il-Kunsill ġie mgħarraf li għaddejjin kuntatti bejn l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, l-Emirates Airlines, ROCS Group u lakandiera fil-Mellieħa, sabiex jiġi stampat 30,000 fuljet pubbliċitarju, speċifikament fuq il-Mellieħa. L-Awtorità hija nteressata f'din l-iniżjattiva u tista' talloka fondi li jlaħħqu sa €25,000. Flimkien ma' dan ammont jeżisti nteress minn operaturi oħra li jinvestu fir-reklamar tal-Mellieħa *per se`.*

12.4. Intqal ukoll li jeżisti potenzjal li jinġiebu Malta turisti Ċiprijotti nteressati fl-i*scuba diving* u li Maltin imorru Ċipru għall-passatempi oħra.

12.5. Il-Kunsill innota l-iniżjattiva msemmija mis-Sindku, filwaqt li ddeċieda li għandha tintbagħat nota ta' ringrazzjament lill-Kunsill Muniċipali ta' Agia Napa.

## 13.1. *Trans-European Road Network* – Titjib fit-toroq arterjali (T/3/3/Vol IV)

13.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li fis-16 ta' Settembru 2009 saret laqgħa, fejn huwa kien preżenti flimkien mas-Segretarju C. Debono u l-Periti Robert Zerafa u Walter Portelli mit-*Network Infrastructure Directorate* fi ħdan l-Awtorità tat-Trasport. F'din il-laqgħa sar magħruf li l-istess Awtorità ħarġet sejħa għall-offerti sabiex isir xogħol ta' titjib fuq Triq il-Marfa u Triq iċ-Ċirkewwa. Il-parti affettwata testendi bejn in-niċċa tal-Madonna u l-Moll taċ-Ċirkewwa u tinkludi fiha, fost xogħlijiet oħra, separazzjoni tal-karreggjati li jieħdu t-traffiku fid-direzzjonijiet opposti, sistema ta' dwal ġodda, u puġġaman fuq in-naħa tal-*promenade* għas-sigurtà tal-*pedestrians* li jippassiġġjaw matulu. L-Awtorità fasslet ukoll *roundabout* għad-dħul tal-Marfa, minflok it-*traffic islands* eżistenti. Din hija ntiża sabiex

tnaqqas il-periklu għas-sewwieqa biex jidħlu għall-Marfa mid-direzzjoni tal-Mellieħa, jew biex joħorġu lejn iċ-Ċirkewwa.

13.3. Billi Triq iċ-Ċirkewwa hija l-unika triq li twassal lejn il-moll tal-vapur t'Għawdex, ġie spjegat li l-Awtorità qed tesiġi li waqt illi jkun għaddej ix-xogħol jitħallew żewġ karreġġjati sabiex jieħdu t-traffiku f'direzzjonijiet opposti.

13.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li fil-*junction* tat-Triq il-Latnija (Paradise Bay) ma' Triq iċ-Ċirkewwa għadhom jittieħdu miżuri biex jiġu evitati ħabtiet bejn vetturi u l-imwiet li kien hemm fil-passat.

13.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll illi titjib ieħor li għadu fi stadju ta' pjanifikazzjoni jinvolvi Dawret il-Mellieħa (il-*Bypass*), fil-parti bejn it-triq li tagħti lejn il-Manikata u t-Triq tal-Prajjet, li twassal għal Anchor Bay. Fil-parti l-kbira tiegħu x-xogħol jinvolvi t-triq eżistenti, bil-bdil ta' livelli fil-parti t'isfel tagħha, kif ukoll l-introduzzjoni ta' *roundabout* mat-Triq tal-Prajjet. Dan bil-għan li titnaqqas il-veloċità tal-vetturi fin-naħa t'isfel tal-*Bypass*, kif ukoll sabiex jitneħħa l-periklu għal min jeħtieġlu jaqsam għall-inħawi tal-Prajjet, Qasam Barrani u il-Ħofra, jew joħroġ fil-bypass fid-direzzjoni tal-Manikata. Is-sigurtà f'din it-triq ser tiġi msaħħa wkoll bl-introduzzjoni ta' sistema ta' dwal li s'issa għad m'għandiex.

13.6. Is-Segretarju qal li nġibdet l-attenzjoni ta' l-Awtorità li l-fażi ta' Dawret il-Mellieħa għandha tinkludi wkoll it-tneħħija ta' dwawar kemmxejn qawwija li hemm qrib il-kantuniera mat-triq li tagħti lejn il-Manikata, kif ukoll f'*S-bend,* fejn spiss il-vetturi jidħlu fil-ħitan jew fil-*guard rail*.

13.7. Il-Kunsill kien tal-fehma li minħabba n-natura tax-xogħol li jrid isir, ser ikun diffiċli li Dawret il-Mellieħa tibqa' miftuħa, u għalhekk għandu jsegwi l-iżviluppi li jkun hemm fuq din il-materja biex it-toroq ewlenin, li jgħaddu mill-qalba tal-Mellieħa, ma jitgħabbewx b'aktar traffiku.

13.8. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinkiseb aktar tagħrif dwar kif ser tkun il-*junction* ta' Triq il-Latnija u Triq iċ-Ċirkewwa.

## 14.1. Kjoskijiet fil-Festa tal-Vitorja (F/2/Vol VI)

14.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ġibed l-aċċenna għall-fatt li kien hemm sidien ta' kjoskijiet fil-Festa tal-Vitorja u tas-Santwarju, illi minkejja l-kundizzjonijiet li kellhom fil-permess, xorta waħda ġabu *generators* minflok qabbdu mal-provista ta' l-elettriku li tipprovdi l-Korporazzjoni Enemalta.

14.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinġibed l-attenzjoni tas-sidien kollha u jiġu mwissija wkoll li dan in-nuqqas mhux ser jiġi ttollerat fil-ġejjieni.

## 15.1. Korsijiet immexxija mill-Kunsill (P/10/4)

15.2. Il-Kunsillieri C. Bartolo qal li matul ix-xahar ta' Ottubru 2009 il-Kunsill ser jikkordina korsijiet: fl-Ewwel Għajnuna, Malti Spanjol, Żfin *(Low / High Impact) u Kick Boxing*. It-tnejn ta' l-aħħar ser isiru barra mill-uffiċċju tal-Kunsill u jitmexxew minn Artemocion u Star Centre, rispettivament.

15.3. Is-Sur C. Bartolo spjega wkoll li l-għaqdiet Melleħin ser jiġu mistiedna jibgħatu l-uffiċjali għall-kors fil-*Leadership Skills* ser ikun miftuh għall-għaqdiet Melleħin.

15.4. Il-Kunsill approva l-korsijiet imsemmija.

## 16.1. Ftuħ tal-Berġa (M/8/Vol III)

16.2. Is-Sindku għarraf li b'effett minn Ottubru 2009, il-ħinijiet tal-Berġa żdiedu b'siegħa fil-jumejn fil-ġimgħa li din tkun miftuħa.

16.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

## 17.1. Rikostruzzjoni ta' Triq il-Ġojjin (T/4/7/Vol II)

17.2. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Awtorità dwar it-Trasport ippubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Settembru 2009 dwar sejħa għall-offerti li tinvolvi l-kostruzzjoni ta' Triq il-Ġojjin fiż-żona ta' Santa Marija Estate.

17.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Ottubru 2009, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**